**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Giovanni Grixti LL.D. LL.M.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**
**- vs -**
**Luigi Maria Attard iben Anthony u Maria Attard li joqghod 6, Triq San Guzepp, Xaghra, Ghawdex.**
**Karta ta’ Identita’ numru 5384(G)**

Illum 16 ta' Jannar 2002.

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat talli nhar it-22 ta’ Ottubru, 2001 ghall-habta tat-8.30 a.m. fi Triq it-Tigrija, Xaghra, Ghawdex, saq vettura numru GAL 368 (1) minghajr il-licenzja tas-sewqan mehtiega mill-Kummissarju tal-Pulizija, jew mill-Awtorita tat-Trasport ta’ Malta sabiex isuq l-istess vettura (2) minghajr ma kien kopert b’polza ta’ assigurazzjoni rigward riskji tat-terzi persuni (3) minghajr ma kien liebes is-seat belt.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f’kaz ta’ htija, barra mill-piena stabbilita mill-istess Qorti, jigi sospiz milli jkollu jew jottjeni l-licenzja tas-sewqan ghall-perjodu ta’ zmien li l-istess Qorti jidrilha xieraq.

Semghet l-ammissjoni;

Fuq ammissjoni ssibu hati;

Rat l-artikoli 15 (1) (a) tal-Kap 65 u 3 tal-Kap 104;

Bl-applikazzjoni tal-artikolu 37 tal-Kap 9 stante li fiz-zmien tal-kommissjoni tar-rejat, l-imputat kien ghadu minorenni;

Tikkundannah ghall-hlas ta’ ammenda ta’ hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) fuq l-ewwel akkuza u ammenda ta’ hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) fuq it-tieni akkuza.

Tiskwalifikah milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien xahar mil-lum.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
D/Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur